## DETAILED INCOME AND EXPENDITURE ACCOUNTS

| | Central Fund € | Taqsima Finanzi € | Parishes € | Metropolitan Cathedral € | Homes € | Dar tal-Providenza & Dar Pirotta € | Seminary Major and Minor € | Media Activities € | Monasteries € | Other Entities € | 2012 Total € | 2011 Total € |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INCOME** | | | | | | | | | | | | |
| Income from property | 10,067 | 16,420 | 63,163 | 1,629 | 53,296 | 24,118 | 3,587 | - | 21,062 | 48,234 | **241,576** | 160,919 |
| Income from investments, deposits and loans | 1,246,431 | 1,631,426 | 1,033,219 | 565,086 | 344,594 | 97,391 | 30,261 | 4,166 | 488,761 | 137,172 | **5,578,507** | 5,976,135 |
| Collections and Donations | 132,187 | - | 4,458,764 | 44,136 | 527,004 | 1,968,565 | 749,700 | - | 41,146 | 118,157 | **8,039,659** | 7,787,482 |
| Gross contributions/ (loss) on publications, jobbing and advertisting sales | 11,372 | 3,570 | 5,312 | - | 4,179 | - | 3,802 | 220,282 | - | - | **248,517** | 296,559 |
| Fees and other income from residents | - | - | - | - | 3,462,704 | 552,655 | - | - | - | - | **4,015,359** | 3,753,164 |
| Sale of Property | - | - | 502,770 | - | - | - | - | - | - | - | **502,770** | 230,911 |
| Other Income | 356,967 | 61,934 | 965,344 | 644,882 | 220,587 | 1,478,204 | 1,621,734 | 257,860 | - | 1,621,447 | **7,228,959** | 6,555,098 |
| | 1,757,024 | 1,713,350 | 7,028,572 | 1,255,733 | 4,612,364 | 4,120,933 | 2,409,084 | 482,308 | 550,969 | 1,925,010 | 25,855,347 | 24,760,268 |
| **EXPENDITURE** | | | | | | | | | | | | |
| Remuneration to Priests | 2,556,221 | - | - | - | - | - | - | - | - | - | **2,556,221** | 2,465,653 |
| Mass Stipends - Local and foreign | 167,530 | - | 187,866 | 58,832 | 11,862 | 1,679 | - | - | 12,003 | 4,611 | **444,383** | 464,165 |
| Salaries of lay employees | 24,035 | 1,111,178 | 273,996 | 239,504 | 3,081,434 | 2,938,799 | 1,655,892 | 610,442 | 48,040 | 1,115,716 | **11,099,036** | 10,269,457 |
| Operational Costs | 965,324 | 246,913 | 3,779,629 | 498,813 | 1,487,996 | 704,866 | 411,451 | 399,897 | 352,480 | 982,216 | **9,829,585** | 9,700,155 |
| Taxation | 98,345 | 401,772 | 161,825 | 47,000 | 34,685 | - | - | 833 | 67,102 | 37,714 | **849,276** | 938,906 |
| Donations | 148,169 | 80 | 185,083 | 7,298 | 13,433 | - | 38,503 | 5,211 | 22,340 | 1,800 | **421,917** | 486,905 |
| Depreciation | - | 68,701 | - | - | 90,057 | - | 408,128 | 26,897 | - | 45,060 | **638,843** | 588,413 |
| | 3,959,624 | 1,828,644 | 4,588,399 | 851,447 | 4,719,467 | 3,645,344 | 2,513,974 | 1,043,280 | 501,965 | 2,187,117 | 25,839,261 | 24,913,654 |
| (Deficits) / surpluses before inter-entity charges & contributions | (2,202,600) | (115,294) | 2,440,173 | 404,286 | (107,103) | 475,589 | (104,890) | (560,972) | 49,004 | (262,107) | **16,086** | (153,386) |
| Net inter-entity charges | (1,032,083) | (891,190) | (1,371,231) | (161,533) | (147,460) | (46,497) | (28,796) | (13,401) | (13,880) | (17,295) | **(3,723,366)** | (2,763,540) |
| Net inter-entity contributions | 2,506,422 | 154,487 | - | - | 377,808 | - | - | 511,816 | - | 172,833 | **3,723,366** | 2,763,540 |
| | | | | | | | | - | | | | |
| Operating (deficits) / surpluses | (728,261) | (851,997) | 1,068,942 | 242,753 | 123,245 | 429,092 | (133,686) | (62,557) | 35,124 | (106,569) | **16,086** | (153,386) |
| Capital gains on investments | - | 960,307 | - | - | - | - | - | - | - | - | **960,307** | 267,665 |
| **Net (deficits) / surpluses for the year** | (728,261) | 108,310 | 1,068,942 | 242,753 | 123,245 | 429,092 | (133,686) | (62,557) | 35,124 | (106,569) | **976,393** | 114,279 |

Funds allocated by Central Fund and *Taqsima Finanzi* for the financing of pastoral works during 2012 and during these last 5 years

| | 2012 € | Last 5 years € |
|---|---|---|
| Children's Homes | 89,256 | 662,838 |
| Old People's Homes | 155,940 | 875,453 |
| Media | 511,817 | 2,090,027 |
| Ecclesiastical Tribunal | 457,097 | 2,210,001 |
| Foundation for Theological Studies | 172,079 | 785,939 |
| Pastoral Secretariats & Commissions | 120,230 | 897,762 |
| Diocesan Youth Commission | 46,571 | 390,171 |
| Clergy Fund | 401,359 | 2,355,447 |
| | | - |
| | 1,954,348 | 10,267,638 |

IL-KNISJA F'MALTA

WWW.THECHURCHINMALTA.ORG

# RAPPORT FINANZJARJU U PASTORALI **2012**

**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

WWW.THECHURCHINMALTA.ORG

IL-KNISJA F'MALTA

## Riżorsi Finanzjarji għall-Pastorali

Wara r-riżultati finanzjarji negattivi ta' dawn l-aħħar snin, fejn b'kollox ġie rreġistrat telf ta' aktar minn €3,500,000 bejn l-2008 u l-2011, il-Knisja f'Malta rnexxielha tirreġistra riżultati finanzjarji pożittivi għas-sena 2012. Dawn ir-riżultati ser jgħinu biex il-Knisja tkompli toffri s-servizzi tagħha lil diversi kategoriji tas-soċjetà permezz tal-entitajiet tagħha u fl-istess ħin tikkompensa ftit għat-telf li seħħ fis-snin imsemmija.

Dan ir-rapport finanzjarju pastorali qed jiġi ppreżentat fid-dawl ta' dak li qed jiġri bħalissa fil-Knisja permezz tal-Papa Franġisku. Propju fl-aħħar preżentazzjoni tar-rapport finanzjarju tal-Vatikan, li saret f'Lulju ta' din is-sena, fil-konferenza stampa ntqal li għandna kompitu ċar mill-Papa: li nkunu trasparenti u jkollna immaniġġjar aħjar. Il-Papa jixtieq li r-riżorsi nużawhom tajjeb ħalli l-ispejjeż nistgħu nindirizzawhom bl-aħjar mod u jintefaq biss dak li hu neċessarju. Il-Papa kontinwament jgħid: meta tkunu ser tagħmlu xi spiża straordinarja ftakru fil-ħafna persuni li qed imutu bil-ġuħ.

## Trasparenza u Mmaniġġjar

Dan l-aspett ta' trasparenza kien ħareġ ċar ħafna fis-Sinodu Djoċesan 1999-2003 u wassal biex il-Knisja f'Malta, għal dawn l-aħħar ħdax-il sena, tippubblika dan ir-rapport.

Dwar l-aspett ta' immaniġġjar, wara li l-Knisja f'Malta kienet u għadha toħroġ flus minn ġewwa f'sussidji lill-entitajiet tagħha mill-Fond Ċentrali, sar eżerċizzju mill-Amministrazzjoni Ċentrali biex jitnaqqsu l-ispejjeż. Dan bil-għan li l-entitajiet tal-Arċidjoċesi, li jgħoddu 'l fuq minn 100, ikunu jistgħu jibqgħu mixjin bl-operat pastorali li huwa fil-qalba tal-missjoni tal-Knisja.

## Kif Tnaqqsu l-Ispejjeż

Ir-riżultat ta' dan l-eżerċizzju wassal biex l-Amministrazzjoni tkun aktar attenta fl-infiq. Dan billi jiżdiedu l-impjiegi biss fejn huwa meħtieġ, peress li l-pagi huma l-akbar spiża; billi l-Knisja tidħol biss għal xogħlijiet li huma neċessarji, bħal restawr jew manteniment ta' bini, għaliex dawn jitolbu spejjeż kbar; billi jinżamm *capping* biex l-infiq ikun ikkontrollat, bħal fil-każ tal-infiq fil-festi u fl-RTK; billi jsir tnaqqis ukoll fl-ispejjeż ta' miżati professjonali, stampar, posta u oħrajn.

## Inizjattivi Ġodda

Fl-istess ħin qed jinħolqu inizjattivi li bihom jista' jkun hemm aktar dħul, peress li f'ċerti oqsma d-dħul qed jonqos. Eżempju ta' dan huwa d-dħul mill-investimenti finanzjarji. Dan it-tnaqqis il-Knisja qed tipprova tagħmel tajjeb għalih b'aktar inizjattivi ta' ġbir ta' fondi (*fundraising)* u kiri ta' postijiet tal-knisja, bħall-Istitut Kattoliku u Palazzo De Piro.

Dħul ieħor li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż huma l-*grants* li l-Knisja tirċievi mill-Istat għall-għajnuna lil diversi oqsma, inkluż persuni fil-bżonn. Dawn huma l-Caritas għall-ħidma ma' dawk li jeħtieġu programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga, il-Kummissjoni Emigranti għall-ħidma mar-refuġjati, is-Segretarjat tal-Edukazzjoni għall-pagi tal-għalliema u LSAs, u d-Djar tal-Anzjani għal dawk l-anzjani rreferuti mill-Istat.

## Esiġenzi Pastorali

Minkejja li dan id-dħul ma jkoprix l-ispejjez kollha, jibqa' l-fatt li l-operat tal-Knisja jrid jibqa' għaddej. Eżempju ċar ta' dan huwa t-Tribunal Ekkleżjastiku li rreġistra defiċit ta' €457,000 minħabba li żdiedu l-ispejjeż u naqas id-dħul tal-ħlasijiet minn persuni li jressqu l-każijiet tagħhom.

Sussidju ieħor huwa fil-*media* fejn matul l-2012 sar investiment ta' €512,000 biex il-Knisja taġġorna ruħha f'dan il-qasam. Dan wassal għal rinnovament fil-*Media Centre*, li jinkludi t-*TV Unit* li issa huwa armat b' teknoloġija ġdida għaż-żminijiet tal-lum, u bl-iżvilupp tan-*news portal* newsbook.com.mt fl-RTK. Dan l-iżvilupp kien meħtieġ wara li l-Knisja għaddiet minn proċess ta' ristrutturar li wassal biex ingħalqet l-istamperija, il-*bookshops* u l-Ġensillum *online.* Sussidji oħra kienu ta' €157,000 għad-djar tal-anzjani, biex il-miżati jibqgħu kemm jista' jkun baxxi, u ta' €90,000 għad-djar tat-tfal.

## Bilanċ Pożittiv

Dwar l-operat, ġie rreġistrat *surplus* ta' €16,000. Dan huwa bilanċ totali mill-entitajiet kollha tal-Knisja, fejn xi entitajiet ikunu ħadmu biex ikollhom aktar dħul, bħal fil-każ tad-Dar tal-Providenza. Dan il-bilanċ hu meħtieġ biex l-entitajiet iħejju għal bżonnijiet li jistgħu jinqalgħu, u biex ikompli jsir investiment f'aktar inizjattivi pastorali, waqt li titjieb il-kwalità tas-servizzi li qed jingħataw fil-preżent.

Filwaqt li r-riżultat finali juri li hemm *surplus*, jirriżulta li għalkemm xi entitajiet jibbilanċjaw id-dħul mal-ħruġ, bħal fil-każ tal-parroċċi, entitajiet oħra jimxu kontinwament bit-telf bħal fil-każ tad-Djar tal-Anzjani, id-Djar tat-Tfal, it-Tribunal Ekkleżjastiku u l-*Media*. Dan it-telf ikollha tagħmel tajjeb għalih l-amministrazzjoni mill-Fond Ċentrali, għaliex jekk le, jeżisti r-riskju li dawn l-entitajiet ikollhom jieqfu joperaw. Barra minn hekk, l-entitajiet kollha tal-Knisja għandhom l-identità tagħhom, u dan ifisser li ma jistgħux jittieħdu flus minn entità li tiġġenera l-qligħ, biex jingħataw lill-entità oħra li qed tagħmel telf, anke jekk din tkun fil-bżonn.

L-operat tas-Segreterija Pastorali fi ħdan il-Kurja tal-Arċisqof, li joffri servizz lill-entitajiet l-oħra kollha, huwa ffinanzjat mill-Fond Ċentrali, bi spiża ta' €166,800 għas-sena 2012. Dan jinkludi l-operat pastorali mat-tfal, żgħażagħ u familja, aspetti bħall-ġustizzja u paċi, dinja tax-xogħol, sport u ekumeniżmu.

## Sfidi Finanzjarji

Qasam partikolari li l-Knisja qed tipprova tibbilanċja b'diffikultà huwa l-Fond tal-Kleru, li minnu titħallas ir-remunerazzjoni tal-kleru. Għal dan il-għan, il-parroċċi ntalbu jżidu l-kontribuzzjoni tagħhom għal dan il-Fond minn 70 għal 75 fil-mija tal-pagi kollha tal-kappillani u l-viċi kappillani biss. Il-25 fil-mija l-oħra qed jinħarġu mill-Fond Ċentrali. Fil-preżent, hemm ukoll numru ta' parroċċi li ma jifilħux joffru biżżejjed biex jitħallsu s-saċerdoti li jwettqu ħidma pastorali fil-parroċċa.

Irid jingħad ukoll li l-Knisja għandha kapitali li ġew mogħtija lilha matul iż-żmien imma li dawn ma jistgħux jintmissu għax huma marbutin b'obbligi. Il-Knisja tista' tieħu biss l-imgħax, u meta l-imgħaxijiet ikunu baxxi, kif inhi s-sitwazzjoni fil-preżent, l-Amministrazzjoni jkollha anqas flus xi tqassam lill-entitajiet tagħha. Dan jgħodd ukoll għall-propjetà fejn ma jistax isir dħul b'xi inizjattivi li jrendu peress li l-propjetà tkun tħalliet biex tintuża biss għal skopijiet ta' karità.

## Impenn għall-Futur

Fid-dawl ta' dan kollu, huwa importanti li l-insara jagħrfu l-bżonn tal-ġenerożità tagħhom fl-għotjiet li jsiru fil-knejjes. Dan għaliex il-parroċċi minnhom infushom għandhom ukoll bosta spejjeż oħra biex imantnu l-operat pastorali tagħhom u n-numru ta' inizjattivi li jsiru fl-istess parroċċi.

Fost l-inizjattivi li ttieħdu fl-2012, hemm il-ftuħ ta' Uffiċċju għall-Volontarjat biex jissaħħah il-valur tal-volontarjat fil-Knisja. Kull nisrani għandu jħoss li għandu missjoni x'jaqdi fil-ħidma tal-Knisja li jifforma parti minnha. Il-Knisja tirrikonoxxi dan is-sens ta' missjoni li hemm fl-Insara tagħna; missjoni li joffru minn qalbhom, b'ħeġġa u impenn kostanti. Din il-ġenerożità ta' mijiet ta' persuni li tiġi offruta kontinwament fid-diversi entitajiet hija l-akbar riżors tal-Knisja. Tgħin biex jinżamm bilanċ bejn id-dħul u l-ħruġ finanzjarju u aktar minn hekk, b'din il-ġenerożità tingħata xhieda mill-isbaħ tal-esperjenza u l-ħajja nisranija.



Mons. Charles Cordina
*Segretarju Pastorali*



Mons. Anton Portelli
*Segretarju Amministrattiv*



Mr. Robert Agius
*Kontrollur Finanzjarju*